# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn, 20 ta' Ġunju, 2022**

**Kawża Nru.**

**Rik. Nru. 33/2020ISB**

**Skyfirst Limited (C-52518)**

**vs**

**Sunshine Aviation Limitied (C-63892)**

**DIN HIJA SENTENZA PARZJALI ILLI TITTRATTA L-EWWEL ZEWG EĊĊEZZJONIJIET MRESSQA MIS-SOĊJETA INTIMATA FIR-RISPOSTA TAGĦHA**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** tas-soċjetá **Skyfirst Limited** intavolat fil-11 ta' Awwissu 2020, li permezz tiegħu hija talbet lil Qorti sabiex:

> *1) Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta' intimata m'hijiex f'qagħda li tħallas id-djun tagħha ai termini ta' l-Artikolu 214 (2) (a) (ii) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2) Tiddikjara u tiddeċiedi illi jeżistu raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tas-soċjeta' intimata ai termini ta' l-artikolu 214 (2) (b) (iii) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*3) Taħtar minnufih fil-mori ta' dawn il-proċeduri amministratur proviżorju sabiex jamministra l-affarijiet tas-soċjeta' intimata u dan taħt u skond id-dispożizzjonijiet kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha opportun li tagħti;*

*4) Tordna x-xoljiment u l-istralċ konsegwenzjali tas-soċjeta' intimata a tenur ta' l-Artikolu 214 (2) (a) (ii) u/jew l-Artikolu 214 (2) (b) (iii) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*5) Tagħti kull provvediment opportun sabiex jinħatar stralċarju u jiġi kondott l-istralċ konsegwenzjali tas-soċjeta' intimata ai termini tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

U dan wara li ppremettiet:

1) *Illi l-esponenti hija kreditriċi tas-soċjeta' intimata fl-ammont ta' mitejn u tnejn u għoxrin elf, ħames mija u sitt Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€222,506.66), oltre l-imgħaxijiet legali u l-ispejjeż ġudizzjarji u dan in forza ta' titolu eżekuttiv ottjenut bis-saħħa ta' sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'Awla fl-ismijiet* ***Skyfirst Limited (C–52518) v. Sunshine Aviation Limited (C–63892)*** *deċiża nhar it-tmienja (8) ta' Lulju elfejn u għoxrin (2020) (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A).*

2) *Illi sa llum is-soċjeta' intimata għadha ma ħallset xejn mill-imsemmija sorte, imgħax u spejjeż ġudizzjarji, iżda għaddiet sabiex tappella mis-sentenza imsemmija iżjed 'il fuq u dan bl-intiża ċara illi ittawwal il-proċeduri u ma tonerax l-obbligu tagħha illi tħallas is-somma ta' mitejn u tnejn u għoxrin elf, ħames mija u sitt Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€222,506.66) dovuta lis-soċjeta' esponenti.*

3) *Illi kif ser jiġi provat waqt is-smiegħ ta' dawn il-proċeduri is-soċjeta' intimata ma tistax tħallas id-djun tagħha u l-esponenti tifhem li l-istess soċjeta' intimata hija insolventi inter alia ai termini tal-Artikolu 214 (2) (a) (ii) tal-Att dwar il-Kumpanniji, Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta b'applikazzjoni tla-Artikolu 214 (5) (b) tal-istess Att.*

4) *Illi is-soċjeta' intimata ilha f'dan l-istat ta' insolvenza għal żmien twil u dan kif jafu, jew kif għandhom ikunu jafu d-diretturi tagħha.*

5) *Illi inoltre, is-soċjeta' intimata m'hijiex qiegħda topera skond il-Liġi u dan għaliex minkejja li l-kumpanija ġiet reġistrata fis-sbatax (17) ta' Frar, elfejn u erbatax (2014), l-istess naqset milli qatt tippreżenta audited accounts lir-Reġistratur tal-Kumpannija fi ħdan il-Malta Business Registry għajr għall-audited accounts għas-sena finanzjarja tal-elfejn u erbatax (2014).*

6) *Illi apparti minn hekk, matul il-pendenza tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla imsemmijin iżjed 'il fuq, is-soċjeta' intimata biegħet l-ajruplan tat-tip Falcon 2000LX u hemm probabbilta' raġjonevoli illi ir-rikavat minn dan il-bejgħ*

*ma ġiex depożitat ġo kontijiet bankarji tas-soċjeta' intimata iżda ġew depożitati jew f'xi kontijiet tas-Sur Francesco Becchetti jew f'kontijiet ta' xi terzi persuni oħrajn. Dan qiegħed jingħad għaliex filwaqt illi l-ajruplan imsemmi għandu valur ta' madwar bejn miljun u nofs u żewġ miljuni tal-Ewro (€1,500,000 u €2,000,000) il-mandati kawtelatorji ta' sekwestru ippreżentati mis-soċjeta' esponenti ma irriżultaw fl-ebda depożitu fir-Reġistru tal-Qorti.*

7) *Illi inoltre, riċentement is-soċjeta' intimata saħansitra tilfet ir-rappreżentanza tal-uffiċċju reġistrat tagħha u ċioe' Quantum Corporate Services Limited u dan stante illi minkejja tentattivi sabiex jikkomunikaw mal-azzjonisti u id-diretturi tas-soċjeta' intimata sabiex iħallu lis-soċjeta' intimata fi stat ta' good standing u ikunu jistgħu iħallsu il-miżati statutorji, l-uffiċċju reġistrat baqa' ma sema xejn mis-soċjeta' intimata u għaldaqstant huma waqfu milli jirrapreżentawha.*

8) *Illi addizzjonalment għalkemm l-uniku direttur tas-soċjeta' intimata huwa imsemmi bħala is-Sur Alessandro Angelieri, fil-verita' is-Sur Francesco Becchetti, illi huwa azzjonist fis-soċjeta' Sunshine Aviation Holdings Limited liema soċjeta' hija azzjonista fis-soċjeta' intimata, jaġixxi bħala shadow director tas-soċjeta' intimata u huwa għandu setgħa fuq is-soċjeta' intimata.*

9) *Illi l-esponenti tissottometti li dawn in-nuqqasijiet, flimkien ma' nuqqasijiet oħra fit-treġija tas-soċjeta' intimata inkluż il-bejgħ tal-ajruplan illi huwa l-pern tal-vertenza bejn il-partijiet u liema nuqqasijiet ser jiġu ippruvati tul it-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri saru u għadhom qegħdin isiru bl-iskop li b'hekk is-soċjeta' intimata teludi l-obbligi tagħha skond il-Liġi.*

10) *Illi ix-xoljiment tas-soċjeta' intimata huwa rikjest miċ-ċirkostanzi premessi f'dan ir-rikors, liema ċirkostanzi huma wkoll serji u gravi ai termini tal-Artikolu 214 (2) (b) (iii) tal-Att dwar il-Kumpanniji.*

Rat ir-**Risposta** tas-soċjeta **Sunshine Aviation Limited**, intavolata fil-25 ta' Settembru 2020, , li permezz tagħha hija ecceppiet:

1. ***Illi preliminarjament, is-soċjetà rikorrenti Skyfirst Limited (C-52518) ("Skyfirst") ma għandhiex l-interess ġuridiku neċessarju għal din l-azzjoni għaliex mhijiex kreditur, kif tallega, tas-soċjetà intimata għall-finijiet tal-Artikolu 218 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta) (l-"Att"), minħabba l-fatt li t-talba prinċipali tagħha kontra s-soċjetà intimata hija kkontestata;***

2. ***Illi s-soċjetà rikorrenti tallega illi għandha titolu eżekuttiv abbażi tad-deċiżjoni tal-ewwel istanza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Skyfirst Limited (C-52518) v Sunshine Aviation Limited (C-63892) datata 8 ta' Lulju 2020, però, kuntrarjament imbagħad tikkonċedi illi din id-deċiżjoni ġiet appellata mis-soċjetà esponenti fit-28 ta' Lulju 2020 bin-numru 1060/201/1. Huwa ċar għalhekk illi s-soċjetà rikorrenti ma għandha l-ebda titolu eżekuttiv, u fid-dawl tal-appell pendenti rigward***

***id-debitu li qed tinvoka favur tagħha, il-kwistjoni ta' jekk hija kreditur tibqa' kkontestata;***[1]

3. *Illi huwa prinċipju ben affermat illi jekk allegat kreditur jixtieq jipproċedi b'rikors għall-istralċ u x-xoljiment tas-soċjetà debitriċi tagħha, id-dejn tagħha għalkemm jista' ma jkunx għadu formalment kanonizzat ma jistax ikun kreditu illi huwa altament kontestat u li huwa suġġett ta' proċeduri pendenti proprju fuq l-eżistenza o meno ta' tali kreditu. Din l-Onorabbli Qorti bħala qorti kummerċjali ma għandiex tintuża bħala forum għat-trattazzjoni fit-tul rigward dejn kkontestat u d-diżgwid relatat miegħu.*[2] *Rikorsi għall-istralċ ta' kumpannija ma jistgħux jintużaw bħala eżerċizzji ta' ġbir tad-dejn ta' kredituri individwali, iżda huma intiżi bħala mekkaniżmu kollettiv għall-benefiċċju tal-kredituri kollha u, jekk applikabbli, partijiet interessati oħra;*

4. *Illi f'dan il-każ huwa ċar illi s-soċjetà rikorrenti ġabet dawn il-proċeduri b'ħeġġa kbira sabiex tikkawża preġudizzju għas-soċjetà intimata, fit-tentattiv illi tankra abbużivament d-<u>deemed date of dissolution bil-preżentata</u> tar-rikors għall-istralċ. Din tikseb, għas-soċjetà rikorrenti, ir-riżultat illi kwalunkwe tranżazzjoni tas-soċjetà intimata wara d-data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment, jew fis-sitt (6) xhur preċedenti, tkun tista' tiġi annullata fil-każ ta' eżitu pożittiv għaliha fil-proċeduri odjerni. Għalhekk, f'dan il-każ, il-proċeduri għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom, kif qalu diversi drabi l-qrati Ingliżi f'ċirkostanzi simili u f'Re A Company,*[3] *fejn <u>l-uniku kreditur prospettiv</u> ta' kumpannija juża rikors għall-istralċ bħala apparat ta' pressjoni għall-qliegħ egoist tiegħu stess;*

5. *Illi d-diżgwid in kwistjoni jikkonċerna ftehim bejn il-partijiet li jissejjaħ 'Temporary Aircraft Management Agreement' (il-"**Ftehim**"), liema Ftehim kien wieħed temporanju, u li permezz tiegħu s-soċjetà esponenti tat f'idejn is-soċjetà rikorrenti l-inġenju tal-ajru Falcon 2000X bin-numru ta' reġistrazzjoni 9H-BEC sabiex tipprovdi numru ta' servizzi tekniċi u ta' manutenzjoni, u bis-saħħa ta' dan il-Ftehim is-soċjetà rikorrenti ġiet reġistrata bħala l-operatur tal-inġenju tal-ajru in kwistjoni għall-ħajja tal-Ftehim. Dan il-Ftehim ġie terminat fl-31 ta' Mejju 2014 ai termini ta' Klawsola 6.1 tal-Frehim, peress illi ftehim finali qatt ma ġie ffirmat, u liema klawżola taqra hekk:*
*6.1. This Agreement shall be effective from April 7th 2014 and continue to be in full force and effect until the earlier of (i) the signature of the final agreement or (ii) May 31st 2014.*

6. *Illi s-soċjetà rikorrenti tħallset għas-servizzi tekniċi u ta' manutenzjoni, iżda l-'hourly rates' li ċċarġjat u li fuqhom qatt ma kien hemm qbil bejn il-partijiet, dejjem ġew miċħuda mis-soċjetà esponenti. Minkejja dan, is-soċjetà rikorrenti baqgħet toħroġ fatturi bir-rati kkontestati u bis-saħħa ta' dan l-aġir ikkostruwiet import bilanċjali li hija tgħid li għandha tiegħu meta dan huwa għal*

[1] **Bold** ghaliex huma z-zewg eccezzjonijiet hawnekk trattati u decizi
[2] *Re A Company* UK [2016] EWHC 1046 (Ch), [2016] All ER (D) 103.
[3] Ibid.

*kollox artifiċjali għaliex ir-rati in kwistjoni kienu eżaġeratament sproporzjonati u fi kwalunkwe każ dejjem ikkontestati sa mill-bidu nett;*

7. *Illi, apparti minn hekk, is-soċjetà rikorrenti b'mod abbużiv immens, espressament kontra l-liġi u b'mala fede, żammet fil-pussess tagħha d-dokumenti kollha appartjenenti lill-inġenju tal-ajru in kwistjoni, u dan mingħajr ebda titolu u wara li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet waqfet, u b'hekk is-soċjetà esponenti ma setgħetx tagħmel użu mill-istess inġenju tal-ajru bl-ebda mod u saret impossibbli sabiex l-inġenju tal-ajru jingħata xi tip ta' manutenzjoni mill-fornitur tas-servizzi ġdid li ġie mqabbad mis-soċjetà esponenti;*

8. *Illi l-agir abbużiv tas-soċjetà intimata direttament ikkawża lis-soċjetà esponenti danni fl-ammont ta' €6,299,676.60, liema ammont għadu kif ġie mitlub permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fit-23 Settembru 2020 bin-numru tal-atti 2998/2020, minħabba d-deprezzament fil-valur tal-inġenju tal-ajru minn meta kien qed jiġi operat mis-soċjetà rikorrenti għall-prezz globali li bih tal-inġenju tal-ajru inbiegħ mis-soċjetà esponenti. Għalhekk, huwa ċar li se mai, is-soċjetà esponenti hija <u>kreditur</u> tas-soċjetà rikorrenti, u mhux bil-kontra, u li anke kieku id-dejn allegat mis-soċjetà rikorrenti jiġi kkonfermat mill-Qorti tal-Appell, jiġi paċut mad-dejn dovut mis-soċjetà rikorrenti lis-soċjetà esponenti fl-ammont ta' USD$7,853,000, li huwa konvertit għall-ammont ta' €6,299,676.60 ikkalkulat bir-rata tal-kambju tad-data tal-bejgħ tal-inġenju tal-ajru;*

9. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u kif ser jiġi pruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri, minħabba l-fatt illi s-soċjetà rikorrenti hija <u>l-uniku kreditur prospettiv</u> b'talba kontra s-soċjetà esponenti, għaliex ma għandha l-ebda passiv prospettiv jew kontinġenti ieħor, dan ifisser illi, flimkien mal-fatt illi s-soċjetà intimata għandha tieħu €6,299,676.60 mis-soċjetà rikorrenti, is-soċjetà intimata ma tistax titqies bħala insolventi għall-finijiet ta' Artikolu 214(5)(b);*

10. *Illi, apparti minn hekk, is-soċjetà rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeċiedi illi hemm raġunijiet serji u gravi għaliex is-soċjetà esponenti għandha tiġi xolta u stralċjata ai termini ta' Artikolu 214 (2)(b)(iii);*

11. *Illi l-<u>ebda</u> mir-raġunijiet mogħtija mis-soċjetà rikorrenti ma tikkostitwixxi raġuni tajba biżżejjed għalfejn soċjetà għandha tiġi xolta, kif ser jiġi ampjament muri fil-mori ta' dawn il-proċeduri;*

12. *Illi fl-aħħarnett, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjetà esponenti tissottometti li skont Artikolu 3(2) tal-Companies Act (Suspension of Filing for Dissolution and Winding Up) Regulations li ħarġu fil-15 Awissu 2020 permezz ta' L.N. 373 ta' 2020, dawn il-proċeduri għandhom jiġu sospiżi:*
    *(2) Any action or proceeding in court for the dissolution and winding up of a company in terms of article 214 of the Act filed in the Registry of Courts and Local Tribunals by any debenture holder, creditor, or creditors on or after*

*16th March, 2020 shall be stayed for a period of forty (40) days following an order of the Minister to lift such a stay.*

*GĦALHEKK fid-dawl tas-suespost u salv kwalunkwe eċċezzjonijiet oħra lijistgħu jitqajjmu skont il-liġi, is-soċjetà esponenti Sunshine Aviation Ltd umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiċħad it-talbiet kollha tas-soċjetà rikorrenti Skyfirst Limited tar-rikors tagħha tal-11 Awissu 2020, bl-ispejjeż.*

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Frar 2021, wara talba magħmula mill-Av. Louis Cassar Pullicino għas-soċjeta intimata, u wara li semgħet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet, il-Qorti laqgħet it-talba tas-soċjeta` intimata li qabel ma tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet fil-mertu, titratta u tiddeċiedi l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari.

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Lulju 2021, l-Av. Louis Cassar Pullicino għas-soċjeta` intimata ppreżenta nota b'dokumenti u iddikjara li m'għandux aktar provi xi jressaq dwar l-ewwel żewġ eċċeżżjonijiet.

Rat illi permezz ta' nota intavolata fl-20 ta' Ottubru 2021, is-soċjeta` rikorrenti ppreżentat nota b'affidavit u b'dokumenti hemmek annessi.

Rat illi fl-udjenza tal-21 ta' Jannar 2022, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet u l-Qorti akkordat zmien lill-partijiet sabiex iressqu n-nota ta' sottomissjonijiet rispettiva taghhom.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet mressqa mill-partijiet fir-rigward tal-eċċezzjonijiet hawnekk trattati u deċiżi.

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Marzu 2022, il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza *in parte* u dan wara li semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Illi s-**soċjeta intimata** Sunshine Aviation Limited tikkontendi li s-soċjeta rikorrenti Skyfirst Limited ma għandhiex l-interess ġuridiku neċessarju għal din l-azzjoni għaliex mhijiex kreditur tal-istess soċjeta` intimata ai termini ta' dak li jrid l-Artikolu 218 tal-KAP 386, u marbuta maghha it-tieni eccezzjoni, peress illi mhux minnhu illi s-socjeta' rikorrenti ghandha titolu ezekuttiv fil-konfront ta' dik intimata.

Is-socjeta' intimata illi qed tressaq l-eccezzjonijiet tikkonferma dak li qalet dik rikorrenti fir-rikors promotur, ossia illi s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-8 ta' Lulju 2020 fl-ismijiet **Skyfirst Limited C-52518 vs Sunshine Aviation Limited (C-63892)**[4], li ddikjarat lis-socjeta' intimata debitrici ta' dik rikorrenti fl-ammont hemmek msemmi, giet appellata, u fit-tieni lok illi hemm ukoll proceduri pendenti quddiem il-Qorti fl-ismijiet **Sunshine Aviation Limited vs Skyrfirst Limited**[5] fejn

[4] Rikors Nru 1060/2015MH
[5] Rikors Nru 644/2021NC

is-socjeta' intimata qed tressaq pretensjoni kontra dik rikorrenti ghad-danni u tghid hawnekk illi d-danni jeccedu s-somma mertu tal-kawza .

Hija ssostni li sabiex tipproċedi b'rikors għall-istralċ u x-xoljiment tas-soċjeta` debitriċi, id-dejn ma jistax ikun wieħed li l-eżistenza tiegħu hija ikkontestata u in sostenn ta' dan tagħmel referenza għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Av. Jonathan Abela Fiorentino noe vs. Eolia Limited (C 31748)** datata 13 ta' Lulju 2020[6] , fejn il-Qorti ddeċidiet li ma tistax tagħmel ordni ta' xoljiment u stralċ meta ssib ruħha rrinfaċċjata b'dejn li huwa *bona fide* disputat.

Issostni li s-soċjeta rikorrenti ressqet dawn il-proċeduri bil-għan li toħloq pressjoni u bl-intiża li tikkawża preġudizzju lis-soċjeta` intimata. In kwantu illi ma jirrizultax mill-atti illi hemm aktar kredituri jew kredituri prospettivi, taghmel referenza għal deċiżjoni tal-Qorti Ingliża ***Re A Company,***[7] li qalet illi fejn l-unika kreditur prospettiv ta' kumpanija juża rikors għall-istralċ bħala apparat ta' pressjoni għall-qliegħ tiegħu stess, tali il-proċeduri għandhom jiġu miċħuda.....

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi s-**soċjeta` rikorrenti** Skyfirst Limited fis-sottomissjonijiet tagħha tinsisti li għalkemm huwa minnu li ġie intavolat appell mid-deċiżjoni tat-8 ta' Lulju 2020, fil-fehma taghha dan ma jimpingix fuq il-fatt li s-soċjeta` rikorrenti hija kreditriċi tas-soċjeta` intimata u dana stante li hija tinsisti li huwa l-*quantum* tad-dejn li qiegħed jiġi kkontestat u mhux l-eżistenza tal-istess dejn.

Issostni li, kif ukoll ingħad minn **Olivier Perdriel** fl-affidavit tiegħu, s-soċjeta` intimata biegħet numru t'assi sabiex taħrab mill-obbligi tagħha li tħallas id-dejn dovut.

Issostni li l-fatti tal-każ odjern huma differenti għal kollox għal dawk tal-każ **Av. Jonathan Abela Fiorentino noe. vs Eolia Limited** (hawn fuq ċitat) stante li fl-imsemmi każ kienet qiegħda tiġi kkontestata l-validitá tal-kuntratti li abbażi tagħhom is-soċjeta rikorrenti kienet qegħda tikkontendi li hija kreditur.

Issostni ulterjorment li fir-rigward tal-proċeduri li nfetħu mis-soċjeta intimata fit-2 ta' Lulju 2021 (Rikors Nru 644/2020NC) ma kienx hemm l-elementi ta' *good faith* u *substantial grounds* da parti tas-soċjeta` intimata u dan stante l-kronoloġija tal-fatti. Tgħid illi din il-kawża infetħet b'reazzjoni għall-eżitu tas-sentenza tat-8 ta' Lulju 2020. Issostni li sitwazzjoni fejn id-debitur li jibqa' jiftaħ kawża wara l-oħra sabiex jaħrab l-obbligi legali li jħallas debitu filwaqt li fil-frattemp ibiegħ l-assi tal-kumpanija tista` twassal għal kollass totali tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-kredituri.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi bħala fatti jirriżulta:

[6] Ref: 246/2018 JZM
[7] Ibid

- Illi permezz tas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Skyfirst Limited (C-52518) vs Sunshine Aviation Limited (C-63892) deċiża fit-**8 ta' Lulju 2020** (Ref: 1060/2015), is-soċjeta rikorrenti ġiet iddikjarata kreditriċi fl-ammont ta' mitejn u tnejn u ghoxrin elf, hames mija u sitt Euro u sitta usittin centezmu (€222,506.66) oltre' l-imgħaxijiet legali u l-ispejjeż ġudizzjarji fil-konfront tas-soċjeta intimata.

- Illi is-soċjeta` intimata intavolat appell mill-imsemmija deċiżjoni, u dan nhar it-**28 ta' Lulju 2020**.

- Illi fil-**11 ta' Awwissu 2020**, is-soċjeta` rikorrenti intavolat l-odjern rikors fejn hija talbet l-istralċ tas-soċjeta intimata fl-interess tagħha bħala kreditriċi tal-istess soċjeta` ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, ossia ai termini tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) u l-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

- Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, is-soċjeta` intimata tindika li fit-**23 ta' Settembru 2020** hija bagħtet ittra uffiċjali fejn talbet ħlas ta' danni lis-soċjeta` rikorrenti. Il-Qorti tosserva li tali ittra uffiċjali ma tirriżultax mill-atti ta' dan ir-rikors.

- Illi pero` jirrizulta illi fit-**2 ta' Lulju 2021**, is-soċjeta` intimata fetħet proċeduri Rikors Nru 644/2021NC kontra s-soċjeta` hawnekk rikorrenti fir-rigward tad-danni msemmija fl-ittra uffiċjali, li s-soċjeta` intimata ssostni li jekk kemm -il darba dawn il-proċeduri jkunu konklużi favur tagħha is-soċjeta` rikorrenti tkun hi debitriċi tas-soċjeta intimata.

- Illi minn kopja tar-rikors DOK SUN 1 ma jirrizultax x'inhu l-ammont ta' danni riklamat, u l-Qorti hemmek hija mitluba tillikwida tali danni, liema danni, l-hemmek rikorrenti (hawnekk intimata) ssostni li ma jiffurmawx parti mill-proceduri decizi fil-prim istanza u pendenti quddiem l-Appell.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi **l-Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-KAP 386** ighid:

> *kumpanija tista' xxolji u tkun stralċjata mill-qorti fiċ-ċirkostanzi li ġejjin –*
>
> *(ii) il-kumpanija ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha;*

Illi l-**Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-KAP 386** ighid:

> *kumpanija għandha tkun xolta bil-qorti fil-każijiet li ġejjin –*
>
> *(iii) il-qorti tkun tal-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpanija*

Illi l-**Art 218(1) tal-Kap 386** jaqra hekk:

*(1) Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejħa "rikors għal stralċ") għal*

*(a) stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu214(1)(a);*

*(b) xoljiment u stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a); jew*

*(ċ) xoljiment u stralċ ta' kumpanija skont l-artikolu214(2)(b),*

*għandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpanija wara deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali jew mill-bord tad-diretturi tagħha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji:*

*Iżda rikors skont il-paragrafi (b) jew (ċ) jista' wkoll isir minn xi azzjonist jew direttur tal-kumpanija.*

Il-Qorti ghalhekk tosserva illi fil-kaz tal-bazi tal-azzjoni tas-socjeta' rikorrenti ai termini tal-Artikolu **214(2)(a)(ii)**, jekk il-Qorti thoss illi huma sodisfatti r-rekwiziti, allura hija <u>tista</u>` tghaddi ghall-ordni tax-xoljiment, filwaqt illi fil-kaz tal-azzjoni tas-socjeta' rikorrenti safejn din hija bbazata fuq l-Artikolu **214(2)(b)(iii)**, allura jekk il-Qorti thoss sodisfatti r-rekwiziti, hija <u>ghandha</u> tghaddi ghall-ordni tax-xoljiment.

Ghal finijiet ta' din id-decizjoni, il-Qorti mhix ser tesprimi ruha fuq hekk, izda ser tillimita ruha sabiex tara ghandhomx mis-sewwa jew le l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi s-socjeta' intimata ssostni illi dik rikorrenti ma ghandiex interess guridiku f'din l-azzjoni peress illi mhix kreditur tas-socjeta' intimata, u dan peress illi hemm kontestazzjoni dwar il-pretensjoni tas-socjeta` rikorrenti fil-konfront ta' dik intimata.

Ultejorment tghid illi mhux minnhu illi s-socjeta' rikorrenti ghandha titolu ezekuttiv peress illi jirrizulta car illi s-sentenza fejn il-Qorti ddecidiet illi dik intimata hija debitur ta' dik rikorrenti ghandha pendenti fl-Appell u allura ghadha ma ghadditx in gudikat.

Dwar dan it-tieni punt (tat-titolu ezekuttiv) ma jidhirx u ma jirrizultax illi hemm xi kontestazzjoni – huwa pacifiku jinghad illi s-sentenza tat-8 ta' Lulju 2020 giet appellata u l-Appell ghandu pendenti bir-rizultat illi d-decizjoni msemmija ghadha m'ghadditx in gudikat.

In kwantu l-ewwel punt, il-Qorti qeghda hawnekk tissindika qabel xejn jekk is-socjeta' rikorrenti ghandiex l-interess guridiku necessarju ghaliex, fi kliem is-socjeta` intimata, mhix kreditur, u dan peress illi t-talba principali qed tigi kkontestata.

Il-ligi taghna tirrikjedi illi din il-procedura tigi istitwita, fost ohrajn, minn kreditur jew kredituri. Il-ligi ma tghidx u ma tirrikjedix illi tali kredituri iridu jkunu kanonizzati hekk, jew illi jkollhom titolu ezekuttiv.

Il-Qorti taghmel referenza ghal **Boyle & Birds` Company Law**[8] fejn jinghad hekk :-

> *Unpaid creditors of a company may consider commencing winding-up proceedings against the company* <u>*as an alternative*</u> *to suing for payment. As a debt collection mechanism, winding up proceedings may be swifter and, for the individual creditor, less expensive than a claim that may come to trial for sometime ……*

Kif gja kellha l-opportunita' tikkwota din il-Qorti fis-sentenza taghha **Dr Antoine Naudi noe vs Talocan Limited**[9], mill-ktieb **Insolvency Law – Corporate and Personal**[10] **-**

> "*While a creditor is able to establish the fact that a company is unable to pay its debts ... it does not mean that a winding-up order will be automatically made; the court has an unfettered discretion ... The company might be able to establish that it is solvent thereby rebutting the presumption of insolvency relied on by the creditor. Nevertheless a court may still make a winding up order if the company does not dispute the fact that it owes money to the creditor who has requested payment because non payment gives rise to a legitimate suspicion of inability to pay ...".*

Isegwi ghalhekk minn dan l-insenjament illi s-socjeta' rikorrenti Skyfirst Limited ghandha kull interess illi tressaq l-odjerna kawza, u ghalkemm hija mhix kreditur kanonizzata, b'dana kollu hemm provi bizzejjed tal-pretensjonijiet taghha qua kreditur tant illi anke ghandha f'idejha decizjoni tal-prim istanza illi qed tistenna l-ezitu tal-Appell dwarha.

Jekk is-socjeta' rikorrenti jirnexxiliex tipprova ghas-sodisfazzjon tal-qorti li l-kumpannija intimata ma tkunx tista` thallas id-djun taghha, meta din tqis ukoll il-passiv kontingenti u prospettiv tal-kumpannija[11] – dak ghad irid jigi diskuss u determinat fi stadju ulterjuri ta' dawn il-proceduri jekk ikun il-kaz u certament mhux materja ta' din id-decizjoni.

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi s-socjeta' intimata, wara illi fl-ewwel eccezzjoni taghha tghid illi t-talba principali tas-socjeta' rikorrenti fil-konfront taghha hija kkontestata, fis-sottomissjonijiet taghha, tirreferi ghad-decizjoni fil-kaz **Av. Jonathan Abela Fiorentino noe vs. Eolia Limited (C 31748)** datata 13 ta' Lulju 2020[12], fejn il-Qorti qalet li ma tistax tagħmel ordni ta' xoljiment u stralċ meta ssib ruħha rrinfaċċjata b'dejn li huwa *bona fide disputed.* Il-Qorti ghalhekk qeghda tifhem illi s-socjeta' intimata qed tghid illi l-kontestazzjoni taghha ghall-pretensjoni mressqa mis-socjeta' rikorrenti fil-kawza 1060/2015MH ghandha titqies illi qed tohloq a *bona fide dispute* bejn il-partijiet. Ma'

[8] Pg 913-914
[9] 58/2020JZM deciza 25.02.2021
[10] Andrew Keay u Peter Walton (Pearson Longman – 2003), pg 216
[11] Art. 214(5) tal-KAP 386
[12] Rik. 246/2018 JZM

dan hija taghmel referenza ghall-proceduri ghad-danni minnha mibdija kontra s-socjeta' hawnekk rikorrenti, Rikors Nru 644/2021.

Illi l-partijiet trattaw estensivament dwar it-talbiet li saru mis-soċjeta` intimata fl-Appell mis-sentenza bir-referenza 1060/2015, fejn is-soċjeta` rikorrenti ssostni li l-appell jirrigwarda il-*quantum* u mhux l-eżistenza tad-dejn, mentri s-soċjeta intimata ssostni li hija l-eżistenza tad-dejn fl-intier tagħha li qiegħda tiġi attakkata. Din il-Qorti certament mhux ser tesprimi ruha dwar dik il-vertenza, izda ghall-finijiet ta' din id-decizjoni qed tqis l-atti ta' dawn iz-zewg proceduri biss sabiex tasal ghal konkluzjoni jekk hawnekk tezistix a *bona fide dispute* li timmerita illi twaqqaf din l-azzjoni jew le.

Illi din il-Qorti rat it-talbiet tal-Appell tas-soċjeta` intimata li jikkonsistu fis-segwenti:

> *Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha esposti hawn fuq u għar-raġunijiet oħra li jistgħu jinġiebu waqt is-smiegħ ta' dan l-appell skont il-liġi, is-soċjeta appellanti Sunshine Aviation Limited umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell sabiex <u>tħassar u tirrevoka fl-intier tagħha s-sentenza mogħtija</u> mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Lulju 2020, <u>u tgħaddi sabiex tilqa' l-eċċezzjonijiet u s-sottomissjonijiet imressqa mis-soċjeta appellanti</u> fuq it-talbiet fil-mertu tas-soċjeta appellata u tilqa' t-talbiet rikonvenzjonali tas-soċjeta appellanti, bl-ispejjeż.*

Illi din il-Qorti rat l-eċċezzjonijiet li ġew imressqa mis-soċjeta` intimata fil-prim' istanza u partikolarment it-tieni eċċezzjoni li tikkonsisti fis-segwenti:

> *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, t-tieni u t-tielet talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u bħala tali għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez <u>billi mhux minnu illi s-soċjeta intimata hija debitriċi tas-soċjeta` Skyfirst Limited fl-ammonti hekk kif dedotti</u> fir-rikors promotur u konsegwentament ma għandhiex tiġi ordnata tħallas għal imsemmija fatturi kif ippreżentati f'din il-kawża peress illi <u>mhumiex dovuti minnha f'dawk l-ammonti</u>.*

Illi din il-Qorti rat ukoll l-aggravji kif imressqa mis-soċjeta` hemmek intimata/appellata fl-appell tagħha u ma tistax ma tinnotax id-dikjarazzjoni magħmulha mis-soċjeta intimata fejn jingħad:

> *<u>Illi s-soċjeta' appellanti qatt ma ppretendiet li m'għandhiex tħallas għas-servizzi li ġew provduti wara l-iskadenza tal-ftehim temporanju</u>, biss illi l-kumpens għal dawk is-servizzi ma jistax jiġi kkalkulat a bażi tal-hourly rates tal-istess ftehim temporanju.*

Fir-rigward tal-kawza fl-ismijiet invertiti bir-referenza 644/2021NC, għalkemm din il-Qorti bl-ebda mod mhi ser tidħol lanqas fil-mertu ta' dan il-każ, tosserva biss f'dan l-istadju illi l-Qorti hemmek qed tigi mitluba tillikwida d-danni allegati.

### Ikkunsidrat ulterjorment:

Is-soċjeta` rikorrenti tgħid diversi drabi li kemm l-Appell mid-deċiżjoni tal-prim istanza u kif ukoll l-proċeduri ġodda bir-referenza 644/2021NC saru in *mala fede*

sabiex jostakolaw il-ħlas ta' djun lis-soċjeta` rikorrenti. Isostnu wkoll li dan jemerġi aktar ċar bil-fatt li fil-frattemp inbiegħu xi assi tal-istess kumpanija.

Minn naħa tagħha s-soċjeta` intimata tgħid li huma l-proċeduri odjerni li saru *in mala fede* bil-għan li tikkawża preġudizzju għas-soċjeta intimata.

Il-Qorti tqis illi sewwa qalet is-socjeta' rikorrenti illi l-hsieb fil-kawza **Av. Jonathan Abela Fiorentino vs Eolia Limited** – hija fondamentalment differenti fis-sens illi f'dik il-procedura, id-disputa kienet fuq il-validita' tal-kuntratt li kien qed jaghti lok ghall-allegati obbligazzjonijiet – u li ghar-ragunijiet ta' din il-Qorti f'dik is-sitwazzjoni, il-Qorti dehrilha illi kellha thalli l-kawza *sine die* sakemm dawk il-proceduri jkunu determinati.

F'dan il-kaz, il-materja, il-vertenza bejn il-partijiet hija meqjusa kompletament differenti. Dan pero` ma jfissirx illi ma tistax tissussisti a *bona fide dispute*. Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni taghha tal-11 ta' Marzu 2022[13] meta qalet:

> *Biex jigi stabbilit il-bona fide dispute, kif inoltre` kien stabbilit a sodisfazzjoni tal-Qorti fil-provvediment taghha tat-13 ta' Lulju 2020, jinhtieg certament aktar milli semplici allegazzjonijiet. Jinhtieg illi d-disputa tkun reali u fattwali – u ma hemmx isbah milli jkun hemm proceduri legali pendenti bejn il-kontendenti fir-rigward biex Qorti tkun tista' thossha komda tiddikjara illi hemm il-bona fide dispute.*

Ghal din il-Qorti certament ma jfissirx illi l-mument illi jkun hemm proceduri legali bejn il-partijiet, allura necessarjament ifisser illi jkun hemm *a bona fide dispute*. Li jfisser hu illi l-Qorti jkollha quddiemha provi ferm aktar cari biex ighinuha tasal ghad-decizjoni dwar jekk hemmx *a bona fide dispute*.

Il-Qorti tqis fuq kollox illi d-determinazzjoni tal-vertenzi msemmija bejn il-partijiet jista' jkollhom effetti dirett ukoll fuq l-ezami illi ghad irid isir fil-kuntest ta' jekk il-kumpannijia tkun tista' thallas id-djun taghha.

Il-Qorti m'ghandiex ghalfejn tghid wisq – illi dan il-provvediment qed jinghata b'rispett shih lejn id-drittijiet tas-socjeta' rikorrenti illi tikkawtela l-pretensjonijiet kif jidhrilha l-ahjar u l-aktar xieraq skond il-ligi – izda ma thossx illi din il-mizura ta' talba ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-kumpannija intimata hija f'dan l-istadju gustifikata biex is-socjeta' rikorrenti tikkawtela d-drittijiet taghha.

Fuq kollox jidher issa illi huwa pacifiku illi anke l-Qrati taghna qed jaccettaw il-prassi (dejjem skond il-kaz) bhal fl-Ingilterra fejn hemm riluttanza da parti tal-qrati li jaghmlu ordni ta` xoljiment u stralc meta jsibu ruhhom rinfaccjati b`dejn li huwa *bona fide disputed*[14].

Li ma tridx il-Qorti huwa abbuz ta' proceduri minn ebda parti. Taghmilha cara illi hija timxi *on a case by case basis*.

[13] 246/2018ISB Av. Jonathan Abela Fiorentino noe vs Eolia Limited

[14] **Stonegate Securities Ltd vs Gregory (1980)** Ch 576 – Court of Appeal].

Illi huwa ghalhekk illi ghal dak li tghid is-socjeta’ rikorrenti, fis-sens illi l-kumpannija intimata tiftaħ kawża wara l-oħra sabiex taħrab l-obbligi legali li tħallas debitu filwaqt li fil-frattemp tbiegħ l-assi tal-kumpanija b’dan illi tista` twassal għal kollass totali tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-kredituri – din il-Qorti tfakkar illi jispetta lis-socjeta’ rikorrenti illi tikkawtela l-pretensjonijiet taghha skond il-ligi u illi l-kumpannija intimata u l-ufficjali taghha ghandhom obbligi statutorji stretti – u jafu illi hemm anke r-responsabbilita’ personali jekk jirrizuta illi ufficjal/i tal-kumpannija agixxew b’mala fede u qerq.

Illi l-Qorti ghalhekk tikkonkludi illi a bażi tal-provi u s-sottomissjonijiet mressqa u maghmula, hija thoss li hemm a *bona fide dispute* bejn il-partijiet, rizultanti minn zewg kawzi quddiem il-Qrati Maltin meqjusa separatament, ossia dik bin-numru 1060/2015MH illum pendenti fil-Qorti tal-Appell u dik bin-numru 644/2021NC pendenti illum quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili.

Fuq li se jirriżulta mill-proċessi ġudizzjarji pendenti quddiem il-qrati rispettivi, imbagħad il-Qorti tagħmel il-konsiderazzjonijiet dwar il-mertu ta’ din il-vertenza u tara ghandiex tghaddi biex ixxolji l-kumpannija Sunshine Aviation Limited (C-63892) jew le a bazi ta’ dak mitlub fir-rikors promotur.

Il-Qorti qed tiddikjara illi <u>ghal finijiet ta’ dan ir-rikors kif impustat</u> hija qed tqis iz-zewg vertenzi bhala li jikkostitwixxu *a bona fide dispute*, b’dan pero` illi ma jfissirx illi din il-Qorti ma tikkonsidrax, jekk jkun il-kaz u skond il-kaz, talba ghal xoljiment tas-socjeta’ intimata f’eventwalita’ ta’ talbiet bbazati fuq provvedimenti tal-ligi ohra jekk ikun hemm cirkostanzi ghalihom partikolarment jekk tkun ikkonfermata is-sentenza fl-Appell tal-kawza 1060/2015MH.

**GHALDAQSTANT,** għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, il-Qorti qiegħda:

1. **Ticħad** l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-socjeta’ intimata limitatament fis-sens hawn taht deciz.

2. **Tilqa’** it-tieni eċċezzjoni preliminari tas-socjeta’ intimata fis-sens illi s-socjeta’ rikorrenti ma ghandiex titolu ezekuttiv fil-konfront tas-socjeta` intimata.

3. **Tiddikjara** li mhix sejra tipprovdi dwar il-mertu tat-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti kif dedotti, sakemm il-proċeduri ġudizzjarji fl-ismijiet (i) Skyfirst Limited (C-52518) vs Sunshine Aviation Limited (C-63892) bir-referenza 1060/2015MH, u (ii) fl-ismijiet Sunshine Aviation Limited (C-63892) vs Skyfirst Limited (C-52518) bir-referenza 644/2021NC jgħaddu it-tnejn in ġudikat.

4. **Tħalli** din il-kawża *sine die*, ri-appuntabbli skond l-Art. 964 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta` Malta <u>jew</u> b`effett mid-data li fiha l-ahhar mill-proċeduri gudizzjarji (i) Skyfirst Limited (C-52518) vs Sunshine Aviation Limited (C-63892) bir-referenza 1060/2015, u (ii) Sunshine Aviation Limited (C-63892) vs Skyfirst Limited (C-52518) bir-referenza 644/2021 NC tghaddi in ġudikat <u>jew</u> jekk ikun il-kaz, b’effett

minn meta jsiru applikabbli l-effetti tal-Artikolu 214(5) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Jibqghu impregudikati** d-drittijiet kollha l-ohra tas-socjeta' rikorrenti.

L-ispejjeż f'dan l-istadju jibqghu riservati.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**